Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9577 — Genstar/Oak Hill Capital/Mercer ADV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 329/05)

1. Fl-24 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Ytal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Genstar Capital Partners, LLC ("Genstar", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Oak Hill Capital Management, LLC ("Oak Hill", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Mercer Advisors Inc. ("Mercer", l-Istati Uniti tal-Amerika)

Genstar u Oak Hill jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Mercer kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Genstar: ditta tal-ekwità privata bbażata f'San Francisco, California, li tispeċjalizza f'investimenti f'kumpaniji tas-suq medju fis-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija industrijali u l-industriji tas-software;

— Oak Hill: ditta tal-ekwità privata bil-kwartieri ġenerali tagħha fi New York City.

— Mercer: ditta indipendenti ta' ġestjoni tal-ġid. Hija primarjament toffri servizzi lil klijenti sinjuri tal-massa u klijenti b'valur nett għoli u toffri wkoll soluzzjonijiet komprensivi ta' ġestjoni tal-ġid, inkluż: ippjanar finanzjarju, ġestjoni tal-investiment, ġestjoni ta' taxxi, ippjanar tad-dħul u l-benefiċji mill-pensjoni, u ġestjoni tal-proprjetà immobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9577 — Genstar/Oak Hill Capital/Mercer ADV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.